32005R1300

10.8.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 207/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1300/2005

## tat-3 ta' Awissu 2005

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 27/2005, fir-rigward ta' l-aringi, il-kavalli, is-sawrell, l-ingwanta u l-bastimenti involuti f'sajd illegali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 27/2005 [2] jiddetermina għall-2005 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċertu ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għall-bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn hemm rekwiżiti ta' limiti ta' qbid.

(2) Il-Kummissjoni Internazzjonali tas-Sajd fil-Baħar Baltiku (IBSFC) f'Settembru 2004 adottat rakkomandazzjoni biex l-opportunitajiet ta' sajd għall-aringi jiġu miżjuda b'10 000 tunnellata għall-2004 fl-Unità ta' Ġestjoni 3, ħaġa li jkollha l-effett li tagħti lill-Finlandja 8 199 tunnellata addizzjonali ta' opportunitajiet ta' sajd għall-aringi. Din ir-rakkomandazzjoni ma saretx parti mil-leġislazzjoni Komunitarja. B' konsegwenza ta' dan, il-Finlandja fl-2004 qabżet il-kwota tas-sajd tagħha b'7 856 tunnellata, minħabba li t-tunnellati addizzjonali ma ġewx allokati. Fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 776/2005 tad-19 ta' Mejju 2005 li jadatta ċerti kwoti ta' ħut għall-2005 skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 li introduċa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għall-oħra tat-*TAC* u l-kwoti [3], fl-2005 l-kwota Finlandiża għall-aringi tnaqqset b'7 856 tunnellata minħabba l-qbid żejjed. Il-kwota Finlandiża għall-aringi fis-subdiviżjoni 30-31 għaldaqstant għandha tiġi miżjuda b'7 856 tunnellata, ġaladarba t-tnaqqis kien dovut għall-fatt li r-rakkomandazzjoni ta' l-*IBSFC* ma ġietx implimentata fil-leġislazzjoni Komunitarja. Din l-emenda mhijiex se jkollha l-effett li żżid il-kwantità ta' aringi li għandha taqbad il-Finlandja matul l-2005.

(3) It-total tal-qbid disponibbli (*TAC*) adottat għall-kavall fiż-żona ta' ġestjoni IIa (ilmijiet mhux tal-KE), Vb (ilmijiet tal-KE), VI, VII, VIIIa,b,d,e, XII, XIV għandu jkopri ilmijiet tal-KE u l-ilmijiet internazzjonali ta' Vb sabiex jiġi evitat l-irrappurtar ħażin. Iż-żona ta' ġestjoni għandha għaldaqstant tiġi emendata f'dan is-sens.

(4) It-*TAC* adottat għas-sawrell fiż-żona ta' ġestjoni Vb (ilmijiet tal-KE), VI, VII, VIIIa,b,d,e, XII, XIV għandu jkopri ilmijiet tal-KE u l-ilmijiet internazzjonali ta' Vb sabiex jiġi evitat l-irrappurtar ħażin. Iż-żona ta' ġestjoni għandha għaldaqstant tiġi emendata f'dan is-sens.

(5) Fid-dawl ta' pariri xjentifiċi ġodda it-TAC għall-ingwanta komuni jista' jiżdied għal 900 tunellata fiż-żoni ta' amministrazzjoni IIIa, IIIb,ċ,d (ilmijiet KE). It-TAC għandu għalhekk jiġi emendat għaldaqstant.

(6) Sabiex jiġi permess l-użin ta' l-aringi, il-kavall u s-sawrell wara t-trasport mill-port fejn il-qabdiet ikunu nħattu l-art, għandhom jiġu implimentati miżuri kumplementari fl-2005.

(7) Skond ir-Reġistru miftiehem tal-Konklużjonijiet tal-Konsultazzjonijiet tas-Sajd bejn il-Komunita' Ewropea u n-Norveġja għall-2005 il-partijiet għandhom aċċess għas-sajd ta' 50 000 tunellata tal-kwoti rispettivi ta' aringi tal-baħar tat-tramuntana fl-ilmijiet tal-parti l-oħra tad-Diviżjonijiet IVa u IVb. Dawn il-kwantitajiet jistgħu jiżdiedu b' 10 000 tunellata jekk meħtieġ. B' ittra tad-29 ta' Ġunju 2005 in-Norveġja talbet għal din iż-żieda. Il-Komunita' preżentat talba simili. Huwa għalhekk xieraq li jiġu implimentati dawn it-tibdiliet fil-leġislazzjoni Komunitarja.

(8) F'Mejju 2005, il-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku tat-Tramuntana (*NEAFC*) għamlet rakkomandazzjoni biex għadd ta' bastimenti jitniżżlu fil-lista ta' bastimenti li jkun ġie kkonfermat li jkunu involuti f' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. Rakkomandazzjoni dwar miżuri li kellhom jiġu applikati fuq bastimenti bħal dawn ġiet adottata fi Frar 2004. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fl-ordni legali Komunitarju għandha tiġi żgurata.

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
[2] ĠU L 12, 14.1.2005, p. 1.
[3] ĠU L 130, 24.5.2005, p. 7.

(9) Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, huwa essenzjali li tingħata deroga għall-perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi f'paragrafu I(3) tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 27/2005 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi IA, IB u III tar-Regolament (KE) Nru 27/2005 huma hawn emendati skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar it-3 ta' Awissu 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. STRAW

*ANNESS*

L-Annessi għar- Regolament (KE) Nru 27/2005 huma emendati kif ġej:

1) Fl-Anness IA:

Il-punt dwar l-ispeċi Aringa fis-Subdiviżjoni 30-31 taż-żona huwa mibdul b'dan li ġej:

| "Speċi:: Aringa *Clupea harengus* | | Żona:: Sub-diviżjonijiet 30-31 HER/3D30.; HER/3D31. |
|---|---|---|
| Il-Finlandja | 60 327 | |
| L-Isvezja | 11 529 | |
| KE | 71 856 | |
| *TAC* | 71 856 | *TAC* analitiku fejn ma japplikawx l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96." |

2) Fl-Anness IB:

(a) Il-punt dwar l-ispeċi aringa fiż-żona IV tramuntana ta' 53°30' qed jinbidel b' dan li ġej:

| "Speċi:: Aringi (1) *Clupea Harengus* | | Żona:: IV tramuntana ta' 53°30' N HER/4AB |
|---|---|---|
| Danimarka | 95 211 | |
| Ġermanja | 57 215 | |
| Franza | 20 548 | |
| Olanda | 56 745 | |
| Svezja | 5 443 | |
| Renju Unit | 70 395 | |
| KE | 305 557 | |
| Norveġja | 60 000 (2) | |
| *TAC* | 535 000 | *TAC* analitiku fejn ma japplikawx l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |

(1) Maqbuda bhala qabda totali jew maghżula mill-bqija tal-qabda. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-qabdiet taghhom ta' aringi b' distinzjoni bejn id-diviżjonijiet ICES IVa u IVb (żoni HER/04A u HER/04B.).

(2) Jistghu jittiehdu minn ilmijiet tal-KE. Qabdiet mehuda f' din il-kwota jitnaqqsu mis-sehem tan-Norveġja mit-TAC.

**Kondizzjonijiet speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti hawn imsemmija, ma jistghux jittiehdu kwantitajiet akbar miż-żoni speċifikati:

| | Ilmijiet Norveġiżi fin-nofsinhar ta' 62°N (HER/04N-) |
|---|---|
| KE | 60 000"; |

(b) Il-punt dwar l-ispeċi Kavall fiż-żona IIa (ilmijiet mhux tal-KE), Vb (ilmijiet tal-KE), VI, VII, VIIIa, b, d, e, XII, XIV huwa mibdul b'dan li ġej:

| "Speċi:: Kavalli<br>*Scomber scombrus* | Żona:: IIa (ibħra mhux tal-KE), Vb (ibħra tal-KE u ibħra internazzjonali), VI, VII, VIIIa, b, d, e, XII, XIV<br>MAC/2CX14- |
|---|---|
| Il-Ġermanja 13 845 | |
| Spanja 20 | |
| L-Estonja 115 | |
| Franza 9 231 | |
| L-Irlanda 46 149 | |
| Il-Latvja 85 | |
| Il-Lituwanja 85 | |
| L-Olanda 20 190 | |
| Il-Polonja 844 | |
| Ir-Renju Unit 126 913 | |
| KE 217 477 | |
| In-Norveġja 8 500 (1) | |
| Il-Gżejjer Faroe 3 322 (2) | |
| *TAC* 420 000 (3) | *TAC* analitiku fejn ma japplikawx l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |

(1) Jistgħu jiġu mistada biss fit-IIa, Via (nord ta' 56° 30' N), IVa, VIId, e, f, h.

(2) Li minnhom 1 002 tunnellati jistgħu jiġu mistada fid-Diviżjoni *ICES* IVa nord ta' 59° N (żona KE) mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Frar u mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' Diċembru, Kwantita' ta' 2 763 tunnellati tal-Kwota tal-gżejjer Faroe jistgħu jiġu mistrada fid-Diviżjoni *ICES* VIa (nord ta' 56° 30' N) matul is-sera u/jew fid-Diviżjoni *ICES* IVa.

(3) TAC miftiehem mill-KE, in-Norveġja u l-gżejjer Faroe għaż-żoni tan-nord.

**Kundizzjonijiet Speċjali:**

Text missing:

| | IVa (ibħra tal-KE)<br>MAC/*04A-C |
|---|---|
| Il-Ġermanja | 4 175 |
| Spanja | 0 |
| Franza | 2 784 |
| L-Irlanda | 13 918 |
| L-Olanda | 6 089 |
| Ir-Renju Unit | 38 274 |
| KE | 65 240 |
| In-Norveġja | 8 500 |
| Il-Gżejjer Faroe | 1 002 (1) |

(1) Nord ta' 59° N (żona KE) mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Frar u mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' Diċembru."

(ċ) Il-punt dwar l-ispeċi Ingwanta komuni fiż-żona IIIa, IIIb,ċ,d (ilmijiet KE) qed jiġi mibdul b' dan li ġej:

| "Speċi:: | Ingwanta komuni<br>*Solea solea* | Żona:: | IIIa, IIIb ċ d (ilmijiet tal-KE)<br>SOL/3A/BCD |
|---|---|---|---|
| Danimarka | 755 | | |
| Ġermanja | 44 | | |
| Olanda | 73 | | |
| Svezja | 28 | | |
| KE | 900 | | |
| TAC | 900 | | *TAC analitiku fejn japplikaw l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96."* |

(d) Il-punt dwar l-ispeċi Sawrell fiż-żona Vb (ilmijiet tal-KE), VI, VII, VIIIa, b, d, e, XII, XIV huwa mibdul b'dan li ġej:

| "Speċi:: | Sawrell<br>Trachurus spp. | Żona:: | Vb (ibħra tal-KE u ibħra internazzjonali), VI, VII, VIIIa, b, d, e, XII, XIV<br>JAX/578/14 |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 12 088 | | |
| Il-Ġermanja | 9 662 | | |
| Spanja | 13 195 | | |
| Franza | 6 384 | | |
| L-Irlanda | 31 454 | | |
| L-Olanda | 46 096 | | |
| Il-Portugall | 1 277 | | |
| Ir-Renju Unit | 13 067 | | |
| KE | 133 223 | | |
| Il-Gżejjer Faroe | 4 955 [1] [2] | | |
| *TAC* | 137 000 | | *TAC analitiku fejn japplikaw l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.* |

[1] Din il-kwota tista' tinqabad fiż-żoni IV, VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30' N) u VIIe, f, h ta' l-*ICES*.

[2] Fi kwota totali ta' 6 500 tunnellata għas-Subżoni IV, VIa (fit-Tramuntana ta' 56°30' N) u VII e, f, h ta' l-*ICES*."

(3) Fl-Anness III:

(a) Il-punt 9 huwa mibdul b'dan li ġej:

"9. **Proċeduri għall-ħatt l-art u l-użin ta' aringi, kavalli u sawrell**

9.1 *Ambitu*

9.1.1 Il-proċeduri li ġejjin japplikaw għall-ħatt l-art fil-Komunità Ewropea minn bastimenti tal-Komunità u minn pajjiżi terzi ta' kwantitajiet, għal kull ħatt l-art, li jaqbżu l-10 tunnellati ta' aringi, kavalli u sawrell, jew taħlita tagħhom, maqbuda fi:

(a) għall-aringi, is-Subżoni I, II, IV, VI u VII u d-Diviżjonijiet III a u Vb ta' l-*ICES*;

(b) għall-kavalli u s-sawrell, fis-Subżoni III, IV, VI u VII u d-Diviżjoni IIa ta' l-*ICES*.

9.2 *Portijiet magħżula*

9.2.1 Il-ħatt l-art imsemmi fil-punt 9.1 huwa permess biss f'portijiet magħżula.

9.2.2 Kull Stat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'bidliet fil-lista ta' portijiet magħżula li ġiet ikkomunikata fl-2004, li fihom jista' jsir il-ħatt l-art ta' aringi, kavalli u sawrell, kif ukoll b'bidliet fil-proċeduri ta' spezzjoni u sorveljanza għal dawk il-portijiet, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-irreġistrar u r-rappurtar tal-kwantitajiet ta' kull speċi u stokk imsemmi/ja fil-punt 9.1.1, f'kull ħatt l-art. Dawk il-bidliet iridu jiġu kkomunikati għall-inqas 15-il jum qabel ma jidħlu fis-seħħ. Il-Kummissjoni tikkomunika din l-informazzjoni, flimkien mal-portijiet dożinjati minn pajjiżi terzi, lill-Istati Membri kkonċernati kollha.

9.3 *Dħul fil-port*

9.3.1 Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd imsemmi fil-punt 9.1.1 jew ir-rappreżentant tiegħu jeħtieġlu jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih għandu jinħatt l-art il-ħut, talanqas 4 siegħat qabel id-dħul fil-port ta' l-Istat Membru kkonċernat fejn għandu jsir il-ħatt l-art b'dan li ġej:

(a) il-port li biħsiebu jidħol fih, l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-bastiment;

(b) il-ħin li fih mistenni jasal f'dak il-port;

(ċ) il-kwantitajiet f'kilogrammi ta' piż ħaj għal kull speċi miżmuma abbord;

(d) iż-żona ta' ġestjoni, skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament, fejn tkun saret il-qabda.

9.4 *Rilaxx*

9.4.1 L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat jesiġu li r-rilaxx ma jibdiex sakemm tingħata l-awtorizzazzjoni.

9.5 *Ġurnal ta' abbord*

9.5.1 B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-punt 4.2 ta' l-Annes IV tar-Regolament (KEE) Nru 2807/83, immedjatament mal-wasla fil-port, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd jeħtieġlu jressaq il-paġna jew il-paġni rilevanti tal-ġurnal ta' abbord kif mitlub mill-awtorità kompetenti fil-port tal-ħatt l-art.

Il-kwantitajiet miżmuma abbord, innotifikati qabel il-ħatt l-art kif imsemmi fil-punt 9.3.1.(c), jeħtieġ li jkunu daqs il-kwantitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord wara li jiġi konkluż.

B'deroga mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2807/83, il-marġni permess ta' tolleranza fl-estimi rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tal-kwantitajiet, f'kilogrammi, ta' ħut miżmuma abbord huwa ta' 8%;

9.6 *L-użin tal-ħut frisk*

9.6.1 Ix-xerreja kollha tal-ħut frisk jeħtiġilhom jiżguraw li l-kwantitajiet kollha li jirċievu jintiżnu fuq sistemi approvati mill-awtoritajiet kompetenti. L-użin isir qabel ma l-ħut jiġi magħżul, ipproċessat, maħżun, u ttrasportat mill-port tal-ħatt l-art jew mibjugħ mill-ġdid. Il-figura li tirriżulta mill-użin tintuża sabiex jimtlew id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art u n-noti ta' bejgħ.

9.6.2 Fid-determinazzjoni tal-piż, kull tnaqqis għall-ilma m'għandux jaqbeż it-2%.

9.7 *L-użin ta' ħut frisk wara t-trasport*

9.7.1 B'deroga mill-punt 9.6.1 l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-ħut frisk jintiżen wara t-trasport mill-port tal-ħatt l-art, sakemm il-ħut jiġi ttrasportat lejn destinazzjoni fl-Istat Membru li ma tkunx imbiegħda aktar minn 60 kilometru mill-port tal-ħatt l-art, u sakemm:

(a) It-tanker li fih jiġi ttrasportat il-ħut ikun akkumpanjat minn spettur mill-post tal-ħatt l-art sal-post fejn il-ħut jintiżen, jew

(b) fil-post tal-ħatt l-art, l-awtoritajiet kompetenti jagħtu l-approvazzjoni tagħhom biex il-ħut jiġi ttrasportat, suġġetta għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(i) immedjatament qabel ma t-tanker jitlaq mill-port tal-ħatt l-art, ix-xerrej jew l-aġent tiegħu jagħti dikjarazzjoni miktuba lill-awtoritajiet kompetenti, li fiha jsemmi l-ispeċi tal-ħut u l-isem tal-bastiment li minnu l-ħut se jiġi rilaxxat, in-numru uniku ta' l-identità tat-tanker u dettalji tad-destinazzjoni fejn il-ħut ikun se jintiżen, kif ukoll il-ħin mistenni tal-wasla tat-tanker fid-destinazzjoni;

(ii) kopja tad-dikjarazzjoni prevista f'(i) tinżamm mis-sewwieq matul it-trasport tal-ħut, u tingħata lir-riċevitur tal-ħut fid-destinazzjoni.

9.8 *Fattura*

9.8.1 Flimkien ma' l-obbligi stipulati fl-Artikolu 9(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 2847/93, min jipproċessa jew min jixtri l-kwantitajiet ta' ħut frisk li jkunu nħattu l-art jeħtieġlu jressaq lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat kopja tal-fattura, jew dokument minflokha, kif imsemmi fl-Artikolu 22(3) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-fatturat - sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' evalwazzjoni (*).

9.8.2 Fi kwalunkwe fattura jew dokument ta' dan it-tip, irid jidher it-tagħrif rekwiżit mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 2847/93, kif ukoll l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-bastiment li minn fuqu l-ħut ikun inħatt l-art. Din il-fattura jew dan id-dokument t/irid t/jintwera malli jintalab, jew fi żmien 12-il siegħa mill-ħin li fih ikun seħħ l-użin.

9.9 *L-użin tal-ħut friżat*

9.9.1 Kulmin jixtri jew iżomm il-ħut iffriżat għandu jiżgura li l-kwantitajiet li jkunu nħattu l-art jintiżnu qabel ma l-ħut jiġi pproċessat, maħżun, ittrasportat mill-port tal-ħatt l-art jew mibjugħ mill-ġdid. Kull piż tara daqs il-piż tal-kaxxi, kontenituri tal-plastik jew ta' tip ieħor li fihom il-ħut li għandu jintiżen huwa ppakkjat jistgħu jitnaqqsu mill-piżijiet tal-kwantitajiet tal-ħatt l-art.

9.9.2 Inkella, il-piż tal-ħut iffriżat ippakkjat f'kaxxi jista' jiġi ddeterminat permezz tal-moltiplikazzjoni tal-piż medju ta' kampjun rappreżentattiv ibbażat fuq l-użin tal-kontenut imneħħi mill-kaxxa u mingħajr ippakkjar tal-plastik, qabel jew wara li jkun inħall is-silġ fuq il-ħut. L-Istati Membri jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha b'kull bidla fil-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni approvata mill-Kummissjoni matul l-2004. Il-bidliet jiġu approvati mill-Kummissjoni. Il-figura li tirriżulta mill-użin tintuża sabiex jimtlew id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art u n-noti ta' bejgħ.

9.10 *Faċilitajiet ta' użin*

9.10.1 Fejn jintużaw faċilitajiet ta' l-użin operati mis-settur pubbliku, min jiżen iħut irid jagħti lix-xerrej tikketta ta' l-użin li fuqha jidhru d-data u l-ħin ta' l-użin u n-numru ta' l-identità tat-tanker. Kopja tat-tikketta ta' l-użin tinhemeż mal-fattura mressqa lill-awtoritajiet kompetenti, kif jipprevedi l-punt 9.8.

9.10.2 Fejn jintużaw faċilitajiet ta' l-użin operati mill-privat, is-sistema jeħtiġilha tkun ġiet approvata, ikkalibrata u ssiġillata mill-awtoritajiet kompetenti u tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) Min jiżen il-ħut jeħtieġlu jżomm reġistru ta' l-użin imqassam f'paġni li jindika:

(i) l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-bastiment li minnu jkun inħatt il-ħut,

(ii) in-numru ta' l-identità tat-tankers fil-każijiet fejn il-ħut ikun ġie ttrasportat mill-port tal-ħatt l-art qabel l-użin,

(iii) l-ispeċi tal-ħut,

(iv) il-piż ta' kull ħatt l-art,

(v) id-data u l-ħinijet li fihom ikun inbeda u ntemm l-użin.

(b) fejn l-użin jitwettaq fuq sistema ta' *conveyor belt*, din tiġi mgħammra b'miter li jirreġistra t-total kumulattiv tal-piż. Dan it-total kumulattiv jitniżżel fir-reġistru mqassam f'paġni msemmi fil-punt (a);

(ċ) ir-reġistru ta' l-użin u l-kopji tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub previsti fil-punt 9.7.1. (b) (ii) jinżammu għal tliet snin.

9.11 *Aċċess ta' l-awtoritajiet kompetenti*

L-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess sħiħ f'kull waqt għas-sistema ta' l-użin, ir-reġistri ta'l-użin, id-dikjarazzjonijiet bil-miktub u l-postijiet kollha fejn il-ħut jiġi pproċessat u miżmum.

9.12 *Kontrolli reċiproċi*

9.12.1 L-awtoritajiet kompetenti iwettqu kontrolli reċiproċi fuq kull ħatt l-art, bejn dawn li ġejjin:

(a) kwantitajiet skond l-ispeċi indikati fl-avviż minn qabel tal-ħatt l-art, imsemmija fil-punt 9.3.1. u l-kwantitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tal-bastiment,

(b) kwantitajiet skond l-ispeċi rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tal-bastiment u d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art jew il-fattura jew dokument ekwivalenti msemmi fil-punt 9.8.,

(ċ) kwantitajiet skond l-ispeċi rreġistrati fid-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art u l-fattura jew dokument ekwivalenti msemmi fil-punt 9.8.

9.13 *Spezzjoni sħiħa*

9.13.1 L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jeħtiġilhom jiżguraw li talanqas 15% tal-kwantitajiet tal-ħut li jkunu nħattu l-art u talanqas 10% tal-ħatt l-art tal-ħut jgħaddu minn spezzjonijiet sħaħ li jridu jinkludu dan li ġej:

(a) monitoraġġ ta' l-użin tal-qabda mill-bastiment, skond l-ispeċi. Fil-każ ta' bastimenti li jippumpjaw il-qabda l-art, jiġi ssorveljat l-użin ta' l-iskarika globali mill-bastimenti magħżula għall-ispezzjoni. Fil-każ ta' bastimenti bil-friża, jingħaddu l-kaxxi kollha. Jintiżen kampjun rappreżentattiv tal-kaxxi/pallets sabiex jiġi stabbilit il-piż medju tal-kaxxi/pallets. It-teħid ta' kampjuni tal-kaxxi jsir ukoll skond metodoloġija approvata għall-identifikazzjoni ta' piż nett medju tal-ħut (mingħajr ippakkjar, silġ);

(b) minbarra l-kontrolli reċiproċi li jissemmew fil-punt 9.12, verifika reċiproka ta' dawn li ġejjin:

(i) kwantitajiet skond l-ispeċi mniżżla fir-reġistru ta' l-użin u l-kwantitajiet skond l-ispeċi mniżżla fil-fattura jew f'dokument ekwivalenti li jissemma fil-punt 9.8.;

(ii) id-dikjarazzjonijiet bil-miktub li jkunu rċevew l-awtoritajiet kompetenti skond il-punt 9.7.1. (b) (i) u d-dikjarazzjonijiet bil-miktub miżmuma minn min ikun irċieva l-ħut, skond il-punt 9.7.1 (b)(ii);

(iii) in-numri ta' l-identità ta' tankers li jidhru fid-dikjarazzjonijiet bil-miktub previsti fil-punt 9.7.1 (b)(i) u r-reġistri ta' l-użin.

(ċ) jekk ir-rilaxx jisfa interrott, il-permess ikun meħtieġ qabel ma jista' jerġa jinbeda mill-ġdid;

(d) verifika li l-bastiment m'għandux iżjed ħut abbord, ladarba r-rilaxx ikun intemm.

9.13.2 L-attivitajiet kollha ta' spezzjoni li huma koperti mill-punt 9 jiġu ddokumentati. Din id-dokumentazzjoni tinżamm għal 3 snin."

(*) ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35)

(b) Il-Parti I li ġejja tiġi miżjuda:

**"PARTI I**

**L-ATLANTIKU TAL-GRIGAL**

**Bastimenti involuti f' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat**

Dawk il-bastimenti li l-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku tal-Grigal (*NEAFC*) tkun niżżlet fil-lista ta' bastimenti li jkun ġie kkonfermat li jkunu involuti f' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (bastimenti *IUU*) huma elenkati fl-Appendiċi 5. Il-miżuri li ġejjin japplikaw għal dawn il-bastimenti:

(a) Bastimenti *IUU* li jidħlu f'portijiet mhumiex awtorizzati li fihom iħottu jew jittrasbordaw, u jiġu spezzjonati mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn l-ispezzjonijiet jinkludu d-dokumenti tal-bastiment, il-ġurnali ta' abbord, it-tagħmir tas-sajd, il-qabdiet li jkollhom abbord u kwalunkwe ħaġa oħra li torbot ma' l-attivitajiet tal-bastiment fiż-Żona Regolatorja tan-*NEAFC*. Tagħrif dwar ir-riżultat ta' l-ispezzjonijiet jintbagħat immedjatament lill-Kummissjoni.

(b) Bastimenti tas-sajd, bastimenti ta' appoġġ, bastimenti tal-fjuwil, bastimenti-omm u bastimenti tal-merkanzija li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru bl-ebda mod ma għandhom jgħinu bastimenti *IUU* jew jieħdu sehem fit-trasbord jew f'operat konġunt tas-sajd ma' bastimenti mniżżla fuq dik il-lista;

(ċ) Fil-portijiet, il-bastimenti *IUU* ma jiġux fornuti bil-provvisti, fjuwil jew servizzi oħra;

(d) Bastimenti *IUU* ma jingħatawx awtorizzazzjoni li jistadu fl-ibħra Komunitarji, u ma jistgħux jinkrew;

(e) L-importazzjoni ta' ħut li jkun ġej minn bastimenti *IUU* hija pprojbita;

(f) L-Istati Membri jirrifjutaw li jagħtu l-bandiera tagħhom lill-bastimenti *IUU*, u jħeġġu lill-importaturi, t-trasportaturi u lis-setturi l-oħra kkonċernati biex joqogħdu lura milli jinnegozjaw dwar il-ħut maqbud minn dawn il-bastimenti jew jittrasbordawh.

Hekk kif in-*NEAFC* tadotta lista ġdida, il-Kummissjoni temenda l-elenku biex jiġi konformi mal-lista tan-*NEAFC*.";

(ċ) L-Appendiċi 5 li ġej huwa miżjud:

*"Appendiċi 5 għall-Anness III*

**Elenku ta' bastimenti li n-*NEAFC* ikkonferma li kienu involuti f' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat**

| Isem il-bastiment | L-Istat tal-bandiera |
|---|---|
| FONTENOVA | Il-Panama |
| IANNIS | Il-Panama |
| LANNIS I | Il-Panama |
| LISA | Il-*Commonwealth* ta' Dominika |
| KERGUELEN | It-Togo |
| OKHOTINO | Il-*Commonwealth* ta' Dominika |
| OLCHAN | Il-*Commonwealth* ta' Dominika |
| OSTROE | Il-*Commonwealth* ta' Dominika |
| OSTROVETS | Il-*Commonwealth* ta' Dominika |
| OYRA | Il-*Commonwealth* ta' Dominika |
| OZHERELYE | Il-*Commonwealth* ta' Dominika" |